MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 1518/2005

**Joseph Muscat (I.D. 128963M)**

**Vs**

**Amanda Mallia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Lulju 2005, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' hames mija u sebghin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm570.30), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' hames mija u sebghin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm570.30), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------